TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

K

Avviż Numru CCT 194/13-F

**Carmen Pace**
**vs**
**I.T.C. Limited**

Illum 24 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Awwissu, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti prezz ta' *fridge/freezer* li bdiet tqattar l-ilma ġewwa l-*fridge* u beda jitħassar l-ikel.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *fridge/freezer* mingħand is-soċjeta' ntimata u illi kienet qed tilmenta regolarment dwar il-*fridge/freezer* li kienet qed tagħmel l-ilma minn ġewwa jew ossia qed toħloq *condensation* bir-riżultat li qed ikollha tarmi l-ikel li jkun imxarrab.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi li qed jiġri hu li l-kċina qed tkun bit-twieqi magħluqin bil-forn u l-hob viċin ħafna, u kull darba li tiftaħ il-*fridge* tidħol ħafna sħana.

Minħabba l-problema persistenti, t-Tribunal ħatar lill-espert tekniku l-Ing. Charles Yousif sabiex jagħmel aċċess fuq il-post u jagħmel ir-rapport tiegħu. Ir-riżultat tar-rapport jikkonkludi li huwa minnu dak li qed jiġri u għalkemm ma jistax jindividwalizza x'qed jikkawża din il-*condensation*, qed jgħid li hemm din il-problema.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt ewro (€600), u b'dan illi l-*fridge/freezer* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888